MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 815/2002/1

**Montaldo Insurance Agency Ltd.**

**vs**
**Clive Mangion**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet il-hlas ta' Lm140.30 rappresentanti danni tal-incident li sehh fit-2 ta' Mejju 2001 fejn il-konvenut Clive Mangion dahal gol-vettura ta' Louis Scerri.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li ma kienx responsabbli u li ghandu jigi liberat mill-osservanza gudizzju.

Ra s-seduta datata 27 ta' Gunju 2002 fejn xehed Colin Cassar prodott mis-socjeta attrici. Esebixxa Dokument CC u CC2.

Ra li fl-istess seduta tas-27 ta' Gunju 2002 xehed David Debono ghan-nom tas-socjeta attrici fejn esebixxa hames dokumenti DD1 sa DD5.

Fl-istess seduta xehed ukoll Louis Scerri fejn spejga li hu kien wieqaf meta il-konvenut beda jirrivirseja u dahal go fih. Louis Scerri ikkonferma li daq il-horn meta ra lil konvenut jirriversja. Louis Scerri mar il-Qorti biex jiehu gurament li kien il-konvenut li dahal fuqu ( Doc. LS) Louis ma qabilx ma' l-iskizz ghaliex hu jahseb li kien ftit iktar lura.

Fl-istess seduta xehed PS768 Silvio Brincat fejn investiga dana l-incident. Esebixxa skizz u Road Accident Repot immarkati Dok. SB u SB1.

Ra s-seduta datata 25 ta' Settembru 2002 fejn xehdet WPC 45 Marisa Bartolo fejn kienet front seat passenger fil-karozza tal-konvenut meta sar l-incident. WPC45 kienet qed thares lejn il-konvenut. Sakemm kienet qed tghidlu biex jirriversja minhabba it-traffiku hassew lil xi hadd imiss il-karozza min wara. WPC45 ikkonfermat li l-konvenut ma irriversjax. Il-konvenut Clive Mangion qal s-surgent taghtu ordni biex jirriversja u kif qaltu hekk baqghet diehla karozza fil-karozza tieghu minn wara. Fil-kontro ezami l-konvenut qal li kien ghadu lanqas ghafas il-“clutch”. u WPC86 Diane Bonnici qalet li kienu wieqfin u hadu skoss minn wara.

Illi l-attur irrid jipprova l-kawza tieghu: “f'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma sepliciment ghaliex ma jkunx

irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghi Noel Mallia noe. Vs. Alphonse Anastasi et PA 3/10/1996."

Illi ezatt wara l-incident l-konvenut qal li "he made the reverse but still stationary". Illi x-xhieda li kienu fil-karozza tal-konvenut kollha ikkoraboraw din il-versjoni. Huwa veru li meta xehed l-konvenut qal li lanqas ghafas il-"clutch". Izda meta wiehed jikkunsidra l-evidenza wiehed ma jistax jikkonkludi li l-attur ipprova li l-incident gara tort tal-konvenut.

Illi mil-provi prodotti ma' hemmx bizejjed evidenza sabiex it-tribunal jikkonkludi li il-konvenut kien responsabli ghall-incident. F'dawn ic-cirkonstanzi t-
Tribunal jichad it-talba tal-attur bl-ispejjes kontra tieghu.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikant**